Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1807

27.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1807

tal-24 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 fir-rigward ta' obbligi ta' rapportar ġodda u modifikati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw kull sentejn dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima permezz ta' rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.

(2) L-Istati Membri huma meħtieġa jfasslu r-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'konformità ma' sensiela ta' mudelli ta' rapportar li jinsabu fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 ([2]).

(3) Il-leġiżlazzjoni settorjali, speċifikament id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/2001 ([3]), (UE) 2023/1791 ([4]), (UE) 2024/1275 ([5]), u (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), tirrikjedi li ċerta informazzjoni tiġi inkorporata fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.

(4) Dawk id-Direttivi ġew adottati jew emendati wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299, u fihom obbligi ta' rapportar addizzjonali, li jenħtieġ li jiġu riflessi fil-mudelli ta' rapportar li jinsabu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299.

(5) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) tinkorpora fl-Artikoli 3(4), il-punt (a), u 15(8) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 obbligi ta' rapportar ġodda għall-Istati Membri li skonthom iridu jiddeskrivu l-politiki u l-miżuri tagħhom li jippromwovu l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli. Tinkorpora wkoll, fl-Artikolu 22a(1) u (3), u fl-Artikolu 22b, rispettivament, tad-Direttiva (UE) 2018/2001, rekwiżiti għall-Istati

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 tal-15 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istruttura, tal-format, tad-dettalji tekniċi u tal-proċess għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima (ĠU L 306, 25.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2299/oj).
([3]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).
([4]) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).
([5]) Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj).
([6]) Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj).
([7]) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

Membri biex jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri meħuda jew ippjanati għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija, biex jirrapportaw dwar l-ammont ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li huma jistennew li jimportaw u jesportaw jew li jintużaw fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali, u biex jirrapportaw jekk inaqqsux il-mira għall-użu ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika fis-settur tal-industrija. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/2413 tinkorpora fl-Artikoli 23, 24 u 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 rekwiżiti għall-Istati Membri biex jirrapportaw dwar l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u fit-tkessiħ, b'mod partikolari, fit-tisħin distrettwali, u dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet serra fis-settur tat-trasport.

(6) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tintroduċi obbligi ta' rapportar ġodda jew riveduti inkluż dwar il-konsum tal-enerġija tal-korpi pubbliċi, dwar l-akkwist pubbliku effiċjenti fl-enerġija, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika. L-Artikolu 3(5) ta' dik id-Direttiva jirrikjedi rapportar dwar kif qed jitqies il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u dwar l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li l-Artikolu 5 jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija miksub mill-korpi pubbliċi. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2023/1791 iwessa' l-qafas ta' rapportar stabbilit fl-Anness IX, il-parti 2, il-punti (f) u (g), tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex jinkludi rinnovazzjonijiet tal-bini kollu tal-korpi pubbliċi.

(7) L-Artikolu 7(8) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda biex jindirizzaw l-ostakli għall-akkwist pubbliku effiċjenti fl-enerġija. L-Artikolu 8(4) jirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw informazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub fost l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku u l-gruppi vulnerabbli. L-Artikolu 8(10) u (11) jirrikjedu li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ffrankar tal-enerġija u jiddeskrivu l-politiki u l-miżuri implimentati. L-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(3) u (4) jistabbilixxu rekwiżiti ta' rapportar dwar skemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi. L-Artikolu 24(2) jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri relatati ta' protezzjoni tal-konsumatur jew ta' informazzjoni lill-konsumatur. L-Artikolu 25(5) jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri introdotti fil-pjanijiet tagħhom għat-tisħin u għat-tkessiħ. L-Artikolu 30(17) jirrikjedi li, fost affarijiet oħra, l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-volum ta' investimenti pubbliċi fl-effiċjenza enerġetika, dwar il-volum ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika u dwar il-programmi ta' finanzjament nazzjonali fis-seħħ.

(8) L-Artikolu 3 u l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1275 jistabbilixxu obbligi ta' rapportar ġodda jew riveduti li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, dwar il-kontribut tas-settur tal-bini għall-miri nazzjonali u tal-Unjoni, u dwar il-progress ġenerali f'termini tar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

(9) Sabiex jiġi vvalutat il-progress fis-suq tal-enerġija bl-imnut, l-Artikolu 4, il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2018/1999 jirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu l-objettivi nazzjonali tagħhom relatati mas-suq intern tal-enerġija fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma meħtieġa jinkludu l-implimentazzjoni ta' prezzijiet tal-provvista tal-gass ibbażati fuq is-suq kif previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dak l-Artikolu.

(10) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299, tlestew żewġ ċikli ta' rapportar, fl-2023 u fl-2025. Fl-aktar "Assessment of progress towards the objectives of the Energy Union and Climate Action" reċenti ([8]), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu kontinwu tal-pjattaforma elettronika u tal-mudelli ta' rapportar, u l-esperjenza tar-rapportaturi tal-Istati Membri fl-użu tagħhom, kienu wrew ħtieġa ċara li jiġi ssimplifikat il-proċess ta' rapportar u li tiżdied il-komparabbiltà tad-data, filwaqt li jiġu ffaċilitati r-rieżami u l-valutazzjoni sussegwenti tar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.

(11) Abbażi tat-tagħlimiet meħuda matul iċ-ċikli ta' rapportar preċedenti, u bil-ħsieb li jitħejjew ir-rapporti ta' progress li jmiss li jridu jiġu ppreżentati sal-15 ta' Marzu 2027, il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitneħħew it-talbiet ridondanti għad-data li diġà nġabret mill-Kummissjoni b'mezzi oħra u biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-Istati Membri.

([8]) SWD (2025) 351 final (is-6 ta' Novembru 2025).

(12) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti ta' rapportar għat-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija jenħtieġ li jiġu ċċarati biex tiġi żgurata l-konsistenza madwar l-Istati Membri tal-UE, billi jingħaqdu l-Artikoli 6 u 12 biex jiġu ssimplifikati l-proċessi u jitnaqqas il-piż amministrattiv. Ġiet introdotta subkategorija ġdida għas-sussidji għall-fjuwils fossili, li tqabbel ir-rati tat-taxxa effettivi ma' parametru referenzjarju, filwaqt li fl-Anness XV, it-tabella 1 riveduta tenfasizza deskrizzjonijiet dettaljati tal-politiki, tal-miżuri, tas-sorsi ta' finanzjament, tar-riċevituri, u tal-objettivi, bħall-kompetittività ekonomika, id-dekarbonizzazzjoni, jew is-sigurtà tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jivverifikaw jew li jemendaw id-data mgħobbija minn qabel, filwaqt li jipprovdu ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe bidla jew approċċ alternattiv użat biex jiġu identifikati s-sussidji għall-fjuwils fossili.

(13) Għalkemm l-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu d-Direttiva (UE) 2023/1791 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sal-11 ta' Ottubru 2025, għall-finijiet tar-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li għandu jsir sal-15 ta' Marzu 2027 għas-snin 2024 u 2025, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jwettqu r-rekwiżit ta' rapportar skont l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva billi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2012/27 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Filwaqt li t-tabelli skont l-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 jeħtieġ li jiġu aġġornati biex jirriflettu l-emendi reċenti, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jużaw dawk it-tabelli aġġornati għas-snin 2024 u 2025. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali meħtieġa biex dan ikun jista' jsir.

(14) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konsistenti mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Unjoni tal-Enerġija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-punt (1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) informazzjoni dwar kif l-Istati Membri jindirizzaw rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 32(1) jew (2) u l-Artikolu34 (1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-każ biss li tkun il-Kummissjoni li ħarġet din ir-rakkomandazzjoni.";

(2) fl-Artikolu 6 jitħassar il-paragrafu 2;

(3) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rapportar dwar l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija miksub skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2023/1791."

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(10) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

(*) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).";

([9]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/27/oj).

(4) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Rapportar dwar politiki u miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament, dwar il-politiki u l-miżuri implimentati jew ippjanati biex jeliminaw gradwalment is-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2), il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE) 2018/1999 u dwar l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi nazzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili, imsemmija fl-Artikolu 25, il-punt (d), ta' dak ir-Regolament. Tali politiki u miżuri għandhom jinkludu dawk li jindirizzaw is-sussidji għall-enerġija li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin: trasferimenti diretti, nefqiet tat-taxxa, rata tat-taxxa effettiva meta mqabbla ma' parametru referenzjarju, twaqqigħ tal-prezzijiet ta' oġġetti jew servizzi, u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-introjtu jew għall-prezzijiet";

(5) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Anness IX, il-Parti 2, il-punti (e), u (h) sa (k), tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ispazju totali ta' art tal-binjiet imsaħħna u mkessħa li huma proprjetà tal-korpi pubbliċi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 f'konformità mal-Anness IX, il-Parti 2, il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-formati stabbiliti fit-Tabella 6 tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ispazju totali ta' art tal-binjiet imsaħħna u mkessħa li huma proprjetà tal-korpi pubbliċi tagħhom li tkun ġiet rinnovata kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, f'konformità mal-Anness IX, il-Parti 2, il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-formati stabbiliti fit-Tabella 7 tal-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija fil-binjiet eliġibbli li huma proprjetà ta' korpi pubbliċi kif imsemmi fl-Artikolu 6(6) tad-Direttiva (UE) 2023/1791, f'konformità mal-Parti 2, il-punt (g) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-formati stabbiliti fit-Tabella 8 tal-Anness XII ta' dan ir-Regolament".;

(6) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi indikattivi nazzjonali biex jitnaqqas in-numru ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, imsemmija fl-Artikolu 24, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament;";

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw dwar l-indikaturi fir-rigward tal-faqar enerġetiku f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni dwar id-definizzjoni nazzjonali tal-faqar enerġetiku f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.";

(7) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999

Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 32(1) jew (2), jew l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati, jew maħsuba li jiġu adottati u implimentati, fejn applikabbli akkumpanjata minn skeda ta' żmien, biex jiġu indirizzati dawk ir-rakkomandazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.

Meta l-Istati Membri kkonċernati jiddeċiedu li ma jindirizzawx rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, huma għandhom jipprovdu r-raġunament tagħhom f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.";

(8) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) l-Anness IV huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(10) l-Anness VI huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(11) L-Anness VIII jitħassar;

(12) l-Anness IX huwa sostitwit bit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(13) l-Anness X huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(14) l-Anness XI huwa sostitwit bit-test fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(15) l-Anness XIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(16) l-Anness XV huwa sostitwit bit-test fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(17) l-Anness XVI huwa sostitwit bit-test fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament;

(18) L-Anness XVII huwa sostitwit bit-test fl-Anness X ta' dan ir-Regolament;

(19) l-Anness XVIII jitħassar;

(20) l-Anness XIX huwa sostitwit bit-test fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament;

(21) l-Anness XXII huwa sostitwit bit-test fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 9 u mill-Artikolu 14(2) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Anness IX, il-Parti 2, il-punt (f) u (g), tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabelli 6, 7 u 8 tal-Anness XVII jew bil-formati stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 għar-rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għas-snin 2024 u 2025 li għandhom jiġu ppreżentati sal-15 ta' Marzu 2027.

Ir-rekwiżit ta' rapportar fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2299 ma għandux japplika għar-rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jridu jiġu ppreżentati sal-15 ta' Marzu 2029 u għar-rapporti li ġejjin.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS II

DEKARBONIZZAZZJONI: ENERĠIJA RINNOVABBLI

Tabella 1

Ishma settorjali (elettriku, tisħin u tkessiħ, trasport, u industrija) u dawk globali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli	M	ktoe		
Konsum finali gross tal-enerġija bl-aġġustament tal-avjazzjoni	M	ktoe		
Sehem globali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES)	M	%		
Ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli (bin-normalizzazzjoni)	M	GWh		
Konsum Gross Totali tal-Elettriku	M	GWh		
Sehem tal-ġenerazzjoni tal-RES-Elettriku	M	%		
Numeratur RES-Trasport bil-multiplikaturi	M	ktoe		
Denominatur RES-Trasport bil-multiplikaturi	M	ktoe		
Sehem tal-konsum tal-RES-Trasport	M	%		
Numeratur tal-RES-Tisħin u Tkessiħ	M	ktoe		
Denominatur tal-RES-Tisħin u Tkessiħ	M	ktoe		
Li minnu s-sħana u l-kesħa mormija utilizzati permezz ta' networks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali	M	ktoe		
Sehem tal-RES-H&C	M	%		
Sehem tal-RES-Tisħin u Tkessiħ bis-sħana u bil-kesħa mormija	M	%		
Enerġija minn sorsi rinnovabbli użata fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali, inkluż l-elettriku rinnovabbli	M	ktoe	([1])	
Enerġija mis-sħana u mill-kesħa mormija użati fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali	M	ktoe	([1])	
Enerġija mis-sorsi kollha użati għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali	M	ktoe		
Sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mis-sħana u mill-kesħa mormija fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali	M	%		
Trasferimenti statistiċi/proġetti konġunti/skemi ta' appoġġ konġunt – ammont totali li għandu jiżdied	M	Ktoe		
Trasferimenti statistiċi/proġetti konġunti/skemi ta' appoġġ konġunt – ammont totali li għandu jitnaqqas	M	ktoe		
Sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija	M	%	([1])	

Sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija - bis-sħana u bil-kesħa mormija	M	%	([1])	
Sehem tal-RFNBOs għall-finijiet finali tal-enerġija u mhux tal-enerġija fl-industrija	M	%	([1])	
Produzzjoni ta' H2 minn sorsi rinnovabbli (inkluż skart rinnovabbli)	M	TJ		
Produzzjoni ta' H2 mill-elettriku (elettroliżi)	M	TJ		
li minnha: elettriku mill-grilja	M	TJ		
li minnha elettriku minn sorsi rinnovabbli – Linja diretta	M	TJ		
Produzzjoni ta' elettrofjuwils minn sorsi rinnovabbli (inkluż skart rinnovabbli)	M	TJ		
Produzzjoni ta' elettrofjuwils mill-elettriku (elettroliżi)	M	TJ		
li minnha: elettriku mill-grilja	M	TJ		
li minnha elettriku minn sorsi rinnovabbli – Linja diretta	M	TJ		
Produzzjoni indiġena tal-bijogassijiet	M	TJ		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju.
Noti:
([1]) Dawn l-elementi għandhom jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għandhom għalhekk jibqgħu vojta.

Tabella 2

Kapaċità installata totali minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Enerġija elettrika	M	MW		
Li minnha enerġija idroelettrika pura mingħajr ippompjar	M	MW		
Li minnha: enerġija mill-fluss naturali tax-xmajjar	M	MW		
Li minnha enerġija idroelettrika mħallta	M	MW		
Li minnha ħżin ippompjat pur	M	MW		
Enerġija ġeotermali	M	MW		
Enerġija solari fotovoltajka (AC) (1)	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka < 30 kW	M	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka 30 kW – 1 000 kW	M	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka ≥ 1 MW	M	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Enerġija solari fotovoltajka (DC) (1)	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka < 30 kW	M	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka 30 kW - 1 000 kW	M	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Li minnha enerġija fotovoltajka ≥ 1 MW	M	MW		

Li minnha ta' fuq il-bejt	M	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M	MW		
Enerġija termali solari	M	MW		
Marea, mewġ, oċean	M	MW		
Riħ	M	MW		
Li minnu fuq l-art	M	MW		
Li minnu fuq il-baħar	M	MW		
Skart industrijali	M	MW		
Skart muniċipali	M	MW		
Bijofjuwils solidi	M	MW		
Bijogassijiet	M	MW		
Bijodiżils	M	MW		
Bijogażolini	M	MW		
Bijofjuwils likwidi oħra	M	MW		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

([1]) L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw jew dwar l-enerġija solari fotovoltajka (AC), l-enerġija solari fotovoltajka (DC), jew it-tnejn li huma.

Tabella 3

Kontribut effettiv totali (ġenerazzjoni elettrika grossa) minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fl-elettriku

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X -3	X -2
Ġenerazzjoni tal-enerġija idroelettrika normalizzata	M	GWh		
Enerġija elettrika pura normalizzata	M	GWh		
Enerġija idroelettrika mħallta normalizzata (mingħajr ippumpjar)	M	GWh		
Ġenerazzjoni tar-riħ normalizzata	M	GWh		
Ġenerazzjoni tar-riħ fuq l-art normalizzata	M	GWh		
Ġenerazzjoni tar-riħ fuq il-baħar normalizzata	M	GWh		
Minn bijolikwidi puri, konformi + mhux konformi	M	GWh		
— li minnhom minn bijolikwidi puri konformi (mhux imħallta)	M	GWh		
— li minnhom MHUX minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	GWh		
— li minnhom mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	GWh		
— li minnhom minn riskju MHUX għoli tal-ILUC	M	GWh		
Minn bijolikwidi mħallta konformi, il-parti bijoloġika biss	M	GWh		
— li minnhom mhux minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	GWh		
— li minnhom mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	GWh		
— li minnhom minn riskju MHUX għoli tal-ILUC	M	GWh		
Mill-bijogass imħallat fil-grilja	M	GWh		
— Li minnu konformi	M	GWh		
Mill-bijogass li jammonta għall-elettriku abbażi taċ-ċertifikati (konsenja tal-bijogass (konformi) permezz tal-grilja tal-gass)	M	GWh		
Enerġija ġeotermali	M	GWh		
Enerġija solari fotovoltajka	M	GWh		
Enerġija termali solari	M	GWh		
Marea, mewġ u oċeani	M	GWh		
Skart muniċipali rinnovabbli	M	GWh		

Bijofjuwils solidi	M	GWh		
— Li minnhom konformi	M	GWh		
Mill-bijogass pur	M	GWh		
— Li minnu konformi	M	GWh		
Mill-idroġenu minn bijomassa konformi	M	GWh	(1)	
Mill-RFNBOs (inkluż l-idroġenu elettrolitiku rinnovabbli)	M	GWh	(1)	
Konsum Gross Totali tal-Elettriku (denominatur RES-Elettriku)	M	GWh		
Li minnu l-elettriku użat għall-produzzjoni tal-RFNBOs (inkluż l-idroġenu elettrolitiku) użat għal skopijiet ta' enerġija	M	GWh	(1)	
Li minnu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 - il-konnessjoni diretta [Gwh]	M	GWh	(1)	
Li minnu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 - il-grilja [Gwh]	M	GWh	(1)	

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.
Noti:
(1) Dawn l-elementi għandhom jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għandhom għalhekk jibqgħu vojta

Tabella 4

Kontribut effettiv totali (il-konsum finali gross tal-enerġija) minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u fit-tkessiħ

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X -3	X -2
Sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ	M	ktoe		
Konsum Finali tal-Enerġija ta' sorsi rinnovabbli fl-Industrija u f'Setturi Oħrajn	M	ktoe		
— Karbonju	M	ktoe		
— Bijogass pur	M	ktoe		
Li minnu konformi	M	ktoe		
— Bijogass imħallat fil-grilja	M	ktoe		
Li minnu konformi	M	ktoe		
— Il-bijogass li jammonta għall-konsum finali tal-enerġija fl-industrija abbażi taċ-ċertifikati (konsenja tal-bijogass (konformi) permezz tal-grilja tal-gass)	M	ktoe		
— Enerġija ġeotermali	M	ktoe		
— Enerġija termali solari	M	ktoe		
— Skart muniċipali rinnovabbli	M	ktoe		
— Bijofjuwils solidi minbarra l-karbonju	M	ktoe		
Li minnhom konformi	M	ktoe		
— il-bijolikwidi kollha, konformi kif ukoll mhux konformi	M	ktoe		
— li minnhom bijolikwidi konformi biss	M	ktoe		
— li minnhom MHUX minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom minn riskju MHUX għoli tal-ILUC	M	ktoe		
— Mill-idroġenu mill-bijomassa	M	ktoe	[1]	
— Mill-RFNBOs (inkluż l-H2 elettrolitiku, iżda eskluż l-H2 użat bħala prodott intermedju għall-fjuwils jew għall-bijofjuwils tat-trasport konvenzjonali)	M	ktoe	[1]	

Produzzjoni tas-sħana minn fjuwils rinnovabbli	M	ktoe		
— Enerġija ġeotermali	M	ktoe		
— Enerġija termali solari	M	ktoe		
— Skart muniċipali rinnovabbli	M	ktoe		
— Bijofjuwils solidi	M	ktoe		
Li minnhom konformi	M	ktoe		
— Mill-bijogass pur	M	ktoe		
Li minnu konformi	M	ktoe		
— Mill-bijogass imħallat fil-grilja	M	ktoe		
Li minnu konformi	M	ktoe		
— Mill-bijogass attribwit għall-produzzjoni tas-sħana abbażi taċ-ċertifikati (konsenja tal-bijogass (konformi) permezz tal-grilja tal-gass)	M	ktoe		
— il-bijolikwidi puri kollha, konformi kif ukoll mhux konformi	M	ktoe		
— li minnhom il-bijolikwidi puri konformi biss	M	ktoe		
— li minnhom MHUX minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom minn riskju MHUX għoli tal-ILUC	M	ktoe		
— bijolikwidi mħallta, konformi, il-parti bijoloġika biss	M	ktoe		
— li minnhom MHUX minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
— li minnhom minn riskju MHUX għoli tal-ILUC	M	ktoe		
— Mill-idroġenu mill-bijomassa	M	ktoe	(1)	
— Mill-RFNBOs (inkluż l-idroġenu elettrolitiku rinnovabbli)	M	ktoe	(1)	
Sħana ambjentali – Pompi tas-sħana għat-tisħin	M	ktoe		
Li minnha minn pompi tas-sħana aerotermali u idrotermali (jiġifieri minbarra l-pompi tas-sħana ġeotermali)	M	ktoe		
Li minnha mill-enerġija ġeotermali bl-użu ta' pompi tas-sħana	M	ktoe		
Li minnha sħana ambjentali oħra	M	ktoe		

Tkessiħ rinnovabbli	M	ktoe		
Numeratur tal-RES-Tiswin u Tkessiħ	M	ktoe		
Denominatur tal-RES-Tiswin u Tkessiħ	M	ktoe		
L-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2018/2001: Li minnu s-sħana u l-kesħa mormija utilizzati permezz ta' networks ta' tiswin/tkessiħ distrettwali [ktoe]	M	ktoe		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

([1]) Dawn l-elementi għandhom jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għandhom għalhekk jibqgħu vojta

Tabella 5

Kontribut effettiv totali (il-konsum finali gross tal-enerġija) minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X -3	X -2
Bijofjuwils (il-parti pura u rinnovabbli ta' taħlita), H2, RFNBOs u fjuwils rinnovabbli oħra, konformi jew mhux konformi, fil-modi kollha tat-trasport				
Bijofjuwils likwidi fit-trasport bit-triq	M	ktoe		
Bijofjuwils likwidi fit-trasport bil-ferrovija	M	ktoe		
Bijofjuwils likwidi f'modi oħrajn	M	ktoe		
Bijofjuwils gassużi fit-trasport bit-triq	M	ktoe		
Bijofjuwils gassużi fit-trasport bil-ferrovija	M	ktoe		
Bijofjuwils gassużi f'modi oħrajn	M	ktoe		
Idroġenu prodott mill-bijomassa (eskluż l-H2 mill-elettroliżi) użat fit-trasport	M	ktoe	(1)	
Bijometan injettat fil-grilja li għandu jitqies għat-trasport (l-Artikolu 25.2(b) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Fjuwils mhux tal-bijomassa li jistgħu jitqiesu għat-trasport				
Fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika [RFNBOs] (inkluż l-idroġenu elettrolitiku rinnovabbli)	M	ktoe	(1)	
Li minnhom fis-settur marittimu (l-Artikolu 27.2e tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe	(1)	
Li minnhom fis-settur tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe	(1)	
Li minnhom idroġenu rinnovabbli	M	ktoe	(1)	
Li minnhom fis-settur marittimu (l-Artikolu 27.2e tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe	(1)	
Li minnhom fis-settur tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe	(1)	
Fjuwils tal-karbonju riċiklat	M	ktoe		
Li minnhom fis-settur marittimu (l-Artikolu 27.2e tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Li minnhom fis-settur tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Fjuwils mhux tal-bijomassa fir-raffineriji				
Idroġenu użat fir-raffineriji bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' fjuwils konvenzjonali għat-trasport jew bijofjuwils Li minnu RFNBOs	M	ktoe	(1)	

Bijofjuwils u fjuwils tal-bijomassa KONFORMI fit-trasport - kwantitajiet ikkalkolati b'valuri kalorifiċi fl-ANNESS III tad-Direttiva 2018/2001				
il-bijofjuwils konformi kollha fil-modi kollha tat-trasport	M	ktoe		
L-Anness IX tad-Direttiva 2018/2001 (il-modi kollha tat-trasport)	M	ktoe		
Li minnhom fil-qasam marittimu (kemm in-navigazzjoni domestika kif ukoll il-bunkers tal-baħar internazzjonali)	M	ktoe		
Li minnhom fil-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe		
Li minnhom fis-settur tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001	M	ktoe		
Skont il-materja prima (il-modi kollha)	M	ktoe		
Parti A	M	ktoe		
Li minnhom il-Parti A fil-qasam marittimu, kemm in-navigazzjoni domestika kif ukoll il-bunkers tal-baħar internazzjonali (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Li minnhom il-Parti A fil-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	[1]	
Li minnhom il-Parti A fis-settur tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27.2e) tad-Direttiva 2018/2001	M	ktoe		
Parti A skont il-materja prima (il-modi kollha)	M	ktoe		
(a)	M	ktoe		
(b)	M	ktoe		
(c)	M	ktoe		
(d)	M	ktoe		
(e)	M	ktoe		
(f)	M	ktoe		
(g)	M	ktoe		
(h)	M	ktoe		
(i)	M	ktoe		
(j)	M	ktoe		
(k)	M	ktoe		
(l)	M	ktoe		
(m)	M	ktoe		
(n)	M	ktoe		

(o)	M	ktoe		
(p)	M	ktoe		
(q)	M	ktoe		
(r)	M	ktoe	(1)	
(s)	M	ktoe	(1)	
(t)	M	ktoe	(1)	
(u)	M	ktoe	(1)	
(v)	M	ktoe	(1)	
Parti B	M	ktoe		
Li minnhom il-Parti B fil-qasam marittimu (kemm in-navigazzjoni domestika kif ukoll il-bunkers tal-baħar internazzjonali)	M	ktoe		
Li minnhom il-Parti B fil-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	
Li minnhom il-Parti B fis-settur tal-avjazzjoni	M	ktoe		
Il-Parti B skont il-materja prima	M	ktoe		
(a)	M	ktoe		
(b)	M	ktoe		
(c)	M	ktoe		
(d)	M	ktoe		
(e)	M	ktoe		
(f)	M	ktoe		
L-Artikolu 26(1) tad-Direttiva 2018/2001 - Minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf	M	ktoe		
Li minnhom iċċertifikati bħala riskju baxx tal-ILUC	M	ktoe		
Li minnhom fil-qasam marittimu (kemm in-navigazzjoni domestika kif ukoll il-bunkers tal-baħar internazzjonali)	M	ktoe	(1)	
Li minnhom fil-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	
bijofjuwils konformi oħrajn	M	ktoe		
Li minnhom fil-qasam marittimu (kemm in-navigazzjoni domestika kif ukoll il-bunkers tal-baħar internazzjonali)	M	ktoe		
Li minnhom fil-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	

L-elettriku użat fit-trasport				
L-elettriku kollu fit-trasport	M	ktoe		
L-elettriku kollu fit-trasport bit-triq	M	ktoe		
Enerġija rinnovabbli fit-trasport bit-triq (l-Artikolu 27.2d) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Li minnha enerġija rinnovabbli fit-trasport bit-triq minn konnessjoni diretta	M	ktoe		
Li minnha enerġija rinnovabbli fit-trasport bit-triq mill-grilja	M	ktoe		
enerġija mhux rinnovabbli fit-trasport bit-triq	M	ktoe		
L-elettriku kollu fit-trasport bil-ferrovija	M	ktoe		
Enerġija rinnovabbli fit-trasport bil-ferrovija (l-Artikolu 27.2d) tad-Direttiva 2018/2001)	M	ktoe		
Li minnha enerġija rinnovabbli fit-trasport bit-ferrovija minn konnessjoni diretta	M	ktoe	(1)	
Li minnha enerġija rinnovabbli fit-trasport bil-ferrovija mill-grilja	M	ktoe	(1)	
enerġija mhux rinnovabbli fit-trasport bil-ferrovija	M	ktoe		
L-elettriku kollu fil-modi l-oħrajn kollha tat-trasport	M	ktoe		
Elettriku fornut lill-bastimenti tal-bnadar kollha (inkluż l-elettriku mix-xatt waqt l-irmiġġ), minbarra l-elettriku rrapportat taħt Trasport	M	ktoe	(1)	
Li minnu l-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	
Enerġija rinnovabbli fil-modi l-oħrajn kollha tat-trasport	M	ktoe		
Li minnu enerġija rinnovabbli fil-modi l-oħrajn kollha tat-trasport minn konnessjoni diretta	M	ktoe	(1)	
Li minnu enerġija rinnovabbli fil-modi l-oħrajn kollha tat-trasport mill-grilja	M	ktoe	(1)	
Elettriku rinnovabbli fornut lill-bastimenti tal-bnadar kollha, inkluż l-elettriku mix-xatt fornut waqt l-irmiġġ	M	ktoe	(1)	
Li minnu l-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	
enerġija mhux rinnovabbli fil-modi l-oħrajn kollha tat-trasport	M	ktoe		
Elettriku MHUX rinnovabbli fornut lill-bastimenti tal-bnadar kollha, inkluż l-elettriku mix-xatt fornut waqt l-irmiġġ	M	ktoe	(1)	
Li minnu l-bunkers tal-baħar internazzjonali	M	ktoe	(1)	

Intensità ta' gass serra				
Iffrankar medju tal-emissjonijiet għall-bijofjuwils tal-Parti A tal-Anness IX ikkalkolat bil-valuri tal-Anness V u tal-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001	M	[g CO2 eq / MJ]	(1)	
Iffrankar medju tal-emissjonijiet għall-bijofjuwils tal-Parti B tal-Anness IX ikkalkolat bil-valuri tal-Anness V u tal-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001	M	[g CO2 eq / MJ]	(1)	
Iffrankar medju tal-emissjonijiet għall-bijofjuwils mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf ikkalkolat bil-valuri tal-Anness V u tal-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001	M	[g CO2 eq / MJ]	(1)	
Iffrankar medju tal-emissjonijiet għall-RFNBO ikkalkolat f'konformità mal-atti delegati skont l-Artikolu 29a(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001	M	[g CO2 eq / MJ]	(1)	

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

(1) Dawn l-elementi għandhom jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għandhom għalhekk jibqgħu vojta.

Tabella 6

Kontribut effettiv totali (il-konsum finali gross tal-enerġija) minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija ([1])

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X -3	X -2
Konsum tal-enerġija fl-industrija	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, flimkien mal-elettriku rinnovabbli u s-sħana	M	ktoe		
— Li minnu mill-RFNBO użati bħala prodotti intermedji għall-fjuwils konvenzjonali għat-trasport jew għall-bijofjuwils	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum tal-enerġija fis-settur tal-enerġija	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum finali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u fit-tkessiħ - għajr l-elettriku u s-sħana mixtrija	M	ktoe		
— Li minnu minn sehem proporzjonali ta' sorsi rinnovabbli fis-sħana mixtrija	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum finali tal-elettriku rinnovabbli	M	ktoe		
— Li minnu minn elettriku rinnovabbli awtoprodott u awtokkunsmat	M	ktoe		
— Enerġija solari fotovoltajka (mingħajr ċentri tad-data)	M	ktoe		
— Riħ (mingħajr ċentri tad-data)	M	ktoe		
— Bijoenerġija (bijofjuwils solidi, likwidi u gassużi), mingħajr ċentri tad-data	M	ktoe		
— Li minnha konformi	M	ktoe		
— Sorsi ta' enerġija rinnovabbli oħra (mingħajr ċentri tad-data)	M	ktoe		
— Ċentri tad-data (elettriku rinnovabbli awtoprodott u awtokkunsmat)	M	ktoe		
— Li minnhom minn allokazzjoni diretta oħra ta' elettriku rinnovabbli, pereżempju elettriku prodott fil-qrib	M	ktoe		
— Li minnhom minn sehem proporzjonali li jifdal tal-elettriku rinnovabbli mill-grilja	M	ktoe		
Konsum mhux tal-enerġija fl-industrija u fis-settur tal-enerġija	M	ktoe		
— Li minnu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli	M	ktoe		
Is-sħana mormija u l-kesħa għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tas-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli fl-industrija	M	ktoe		
Kwantità massima ta' sħana u kesħa mormija li tista' tiġi inkluża fil-kalkolu (0,4 pp)	M	ktoe		

RFNBO fl-industrija (l-Artikolu 22a) tad-Direttiva (UE) 2018/2001				
L-użu tal-idroġenu fl-industrija għal skopijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija	M	ktoe		
Li minnu użat fir-raffineriji bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' fjuwils konvenzjonali għat-trasport jew bijofjuwils	M	ktoe		
Li minnu prodott bħala prodotti sekondarji jew derivat minnhom (inkluż bid-dekarbonizzazzjoni ta' gass residwu u użati biex jissostitwixxu dak il-gass)	M	ktoe		
Li minnu l-idroġenu prodott f'faċilitajiet ta' produzzjoni mmodifikati abbażi tat-teknoloġija ta' riformar tal-metan bl-istim	M	ktoe		
L-użu tal-RFNBOs (inkluż l-idroġenu elettrolitiku mill-elettriku rinnovabbli) fl-industrija għal skopijiet ta' enerġija u mhux ta' enerġija	M	ktoe		
Li minnu użat fir-raffineriji bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' fjuwils konvenzjonali għat-trasport jew bijofjuwils	M	ktoe		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

([1]) Dawn l-elementi se jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għalhekk se jibqgħu vojta.

Tabella 7

Kontribut effettiv totali (il-konsum finali gross tal-enerġija) minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fil-bini ([1])

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X -3	X -2
Konsum finali tal-enerġija fil-bini (unitajiet domestiċi + servizzi kummerċjali/pubbliċi)	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum finali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-elettriku rinnovabbli u s-sħana	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum finali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u fit-tkessiħ - għajr l-elettriku u s-sħana mixtrija	M	ktoe		
— Li minnu minn sehem proporzjonali ta' sorsi rinnovabbli fis-sħana mixtrija	M	ktoe		
— Li minnu mill-konsum finali tal-elettriku rinnovabbli	M	ktoe		
— Li minnu minn elettriku rinnovabbli awtoprodott u awtokkunsmat	M	ktoe		
— Enerġija solari fotovoltajka	M	ktoe		
— Riħ	M	ktoe		
— Bijoenerġija (bijofjuwils solidi, likwidi u gassużi)	M	ktoe		
— Li minnha konformi	M	ktoe		
— Sorsi rinnovabbli oħra	M	ktoe		
— Li minnhom minn allokazzjoni diretta oħra ta' elettriku rinnovabbli, pereżempju elettriku prodott fil-qrib	M	ktoe		
— Li minnhom minn sehem proporzjonali li jifdal tal-elettriku rinnovabbli mill-grilja	M	ktoe		
Is-sħana mormija u l-kesħa għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tas-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli fil-bini	M	ktoe		
Kwantità massima ta' sħana u kesħa mormija li tista' tiġi inkluża fil-kalkolu (20 % tal-mira indikattiva)	M	ktoe		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

([1]) Dawn l-elementi għandhom jiġu introdotti biss mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem. Għar-rapportar dovut fl-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) għandhom għalhekk jibqgħu vojta.

Tabella 8

Provvista tal-bijomassa għall-użu tal-enerġija

	X-3					X-2				
	Produzzjoni indiġena f'1 000 m3 ([1])	Importazzjonijiet f'1 000 m3 ([1])	Esportazzjonijiet f'1 000 m3 ([1])	Bidliet fl-istokk f'1 000 m3 ([1])	Valur kalorifiku nett medju (TJ/1 000 m3) ([2])	Produzzjoni indiġena f'1 000 m3 ([1])	Importazzjonijiet f'1 000 m3 ([1])	Esportazzjonijiet f'1 000 m3 ([1])	Bidliet fl-istokk f'1 000 m3 ([1])	Valur kalorifiku nett medju (TJ/1 000 m3) ([2])
Speċifikazzjoni	V	V	V	V	V	M	M	V	V	V
(1) Bijomassa forestali użata għall-produzzjoni tal-enerġija										
(a) Bijomassa primarja mill-foresti										
(i) Fergħat u wċuħ tas-siġar	([3])	([3])				([3])	([3])			
(ii) Ġdur	([4])	([4])				([4])	([4])			
(iii) Injam tond										
(I) Injam tond industrijali										
(II) Injam għall-fjuwil										
(b) Koprodotti tal-industrija bbażati fuq il-foresti										
(i) Qoxra tas-siġra										
(ii) Laqx, serratura u partikoli oħrajn tal-injam										
(iii) Likur iswed u kolufonja likwida mhux raffinata (tunnellati)										
(c) Injam ta' wara l-użu mill-konsumatur	([3])	([3])				([3])	([3])			
(d) Fjuwil ipproċessat ibbażat fuq l-injam, prodott minn materja prima mhux meqjusa taħt il-punt (1)(a), (b) jew (c):										
(i) Karbonju tal-injam										
(ii) Pellets tal-injam u briquettes tal-injam										

(2) Bijomassa agrikola	[3]	[3]				[3]	[3]			
(a) Għelejjel enerġetiċi għall-elettriku jew għat-tisħin (inklużi msajġar ta' rotazzjoni qasira)	[3]	[3]				[3]	[3]			
(i) Li minnhom: Minn materja prima tal-ikel u l-għalf	[3]	[3]				[3]	[3]			
(b) Residwi tal-għelejjel agrikoli għall-elettriku jew għat-tisħin	[3]	[3]				[3]	[3]			
(3) Bijomassa mill-iskart organiku	[3]	[3]				[3]	[3]			
(a) Frazzjoni organika ta' skart industrijali	[3]	[3]				[3]	[3]			
(b) Frazzjoni organika ta' skart muniċipali	[3]	[3]				[3]	[3]			
(c) Ħama residwa	[3]	[3]				[3]	[3]			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; V = volontarju.
Noti:
[1] ħlief 1b(iii) f'tunnellata
[2] ħlief 1b(iii) f'TJ/tunnellata
[3] ir-rapportar obbligatorju jekk disponibbli
[4] ir-rapportar obbligatorju jekk applikabbli

Tabella 9

Informazzjoni addizzjonali dwar it-trajettorji

	Speċifikazzjoni	Rağunijiet għall-progress li jaqa' lura mit-trajettorji għall-enerġija rinnovabbli (1)
Sehem ġenerali tal-RES, inklużi l-punti ta' referenza tal-2025 u/jew tal-2027	Miap	
Kapaċità installata	Miap	
Sehem tal-ġenerazzjoni tal-RES-Elettriku	Miap	
Sehem tal-konsum tal-RES-Trasport	Miap	
Sehem tal-RES-H&C	Miap	
Sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mis-sħana u mill-kesħa mormija fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali	Miap	
Provvista tal-bijoenerġija	Miap	
	Speċifikazzjoni	Deskrizzjoni
Informazzjoni dwar jekk l-Istati Membri użawx sħana mormija u kesħa mormija għall-finijiet li jissodisfaw il-mira tat-tisħin u t-tkessiħ (l-Artikolu 23) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 b'indikazzjoni tal-effett tagħha fuq iż-żieda annwali fit-tisħin u fit-tkessiħ	M	
Deskrizzjoni ta' kif il-bijomassa forestali tissodisfa l-kriterji tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) tal-Artikolu 29(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 (2)	M	

Noti:

(1) F'każ li waħda mit-trajettorji li ġejjin fis-sena X-3 jew X-2 tkun niżlet taħt it-trajettorja nazzjonali kif irrapportat fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, jekk jogħġbok spjega r-rağunijiet għal dan l-iżvilupp u l-impatt tiegħu fuq l-ishma ġenerali tal-RES, u ppreżenta informazzjoni dwar miżuri addizzjonali li huma ppjanati biex ikopru d-diskrepanza.

(2) L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll iż-żidiet annwali stabbiliti fl-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1807/oj

Tabella 10

Trajettorji u objettivi nazzjonali oħrajn

Trajettorja jew objettiv	Deskrizzjoni	Mira (1)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur tal-Progress (jekk applikabbli) (2)			
					Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress (3)	Unità	X-3	X-2
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Użu tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali								
Użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini								
Enerġija rinnovabbli prodotta mill-bliet								
Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli								
Awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli								
Għadd ta' ftehimiet konklużi dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli								
Produzzjoni tal-enerġija skont ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli								
Enerġija rkuprata mill-ħama miksuba permezz tat-trattament tal-ilma mormi								
Objettiv u trajettorja nazzjonali oħra, inklużi dawk settorjali u fit-tul								
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ								

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli.

Noti:

(1) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(2) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar iridu jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali

(3) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 11

Valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001

Meta jkun applikabbli, ipprovdi informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli li l-Istati Membri jridu jwettqu skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ([1])	M_{iap}	

Notazzjoni: M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli.
Noti:
([1]) L-Istati Membri għandhom jinkludu referenzi għall-politiki u l-miżuri kkonċernati."

ANNESS II

"ANNESS IV

EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Tabella 1

Kontribut nazzjonali u trajettorja indikattiva għall-konsum finali u primarju tal-enerġija

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Indikatur	
			X-3	X-2
Progress lejn it-trajettorja indikattiva tal-konsum primarju tal-enerġija ([1])	M	ktoe		
Progress lejn it-trajettorja indikattiva tal-konsum finali tal-enerġija ([1])	M	ktoe		
Kummenti ġenerali dwar il-kontributi nazzjonali u t-trajettorja indikattiva għall-konsum primarju u finali tal-enerġija ([2])	M			
Spjegazzjoni tal-miżuri biex tiġi koperta d-diskrepanza biex jintlaħqu l-kontributi nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika, jekk il-konsum finali tal-enerġija jkun ogħla mit-trajettorja indikattiva għall-konsum finali tal-enerġija ([3])	M_{iap}			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju.

Noti:

([1]) Konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija skont id-definizzjonijiet fid-Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika u l-indikaturi tal-Eurostat tal-bilanċi sħaħ tal-enerġija [nrg_bal_c]: PEC_EED u FEC_EED. Jekk joghġbok ara wkoll l-aktar verżjoni reċenti tal-Gwida dwar il-bilanċ tal-enerġija fuq is-sit web tal-Eurostat (ara l-kapitolu "Complementing indicators").

([2]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjoni addizzjonali dwar il-kontribut nazzjonali u t-trajettorja indikattiva għall-konsum primarju u finali tal-enerġija, inkluża l-metodoloġija sottostanti tagħhom.

([3]) Il-miżuri kollha rrapportati taħt din l-entrata għandhom jiġu spjegati fid-dettall fl-Anness IX, it-Tabella 1, ta' dan ir-Regolament, u għandhom jirreferu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

Tabella 2

Stadji importanti u indikaturi tal-progress tal-pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini – stokk tal-bini

	Numru ta' binjiet (1)			Spazju totali ta' art (m^2) (2)			Konsum primarju tal-enerġija tal-binjiet (ktoe) (3)			Konsum finali tal-enerġija tal-binjiet (ktoe) (3)			Emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra fil-binjiet (tCO_{2e})			Total tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-binjiet ($MtCO_{2e}$)			Oħrajn (4)		
	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2	2020	X-3	X-2
Speċifikazzjoni	M	M	M	M	M	M	M	M	M	M	M	M	Miav	Miav	Miav	M	M	M	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}
Binjiet residenzjali																					
Li minnhom binjiet bl-aġħar rendiment (5)																					
Binjiet mhux residenzjali																					
Li minnhom binjiet bl-aġħar rendiment																					

Notazzjoni: M = obbligatorju; M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli

Noti:

(1) Bini tfisser kostruzzjoni msaqqfa li jkollha ħitan, li għaliha tintuża l-enerġija biex jiġi kkundizzjonat l-ambjent intern (l-Artikolu 2, il-punt (1)) tad-Direttiva 2024/1275/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) filwaqt li l-Anness I ta' dik id-Direttiva jiddefinixxi, għall-fini tal-kalkolu tar-rendiment tal-binjiet fl-użu tal-enerġija, il-klassifikazzjoni tal-kategoriji li ġejja: (a) djar ta' tipi differenti għal familja waħda; (b) blokok ta' appartamenti; (c) uffiċċji; (d) binjiet edukattivi; (e) sptarijiet; (f) lukandi u ristoranti; (g) faċilitajiet sportivi; (h) binjiet fejn jingħataw servizzi kummerċjali bl-ingrossa u bl-imnut; (i) tipi oħra ta' binjiet li jikkonsmaw l-enerġija (l-Anness I, il-punt 6, tad-Direttiva 2024/1275).

(2) Spazju ta' art użat bħala daqs ta' referenza għall-valutazzjoni tar-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija, ikkalkolat bħala s-somma tal-ispazji ta' art utli tal-ispazji fl-involukru tal-bini speċifikat għall-valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(3) Kif meqjus fil-kalkolu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-binjiet definit bid-Direttiva (UE) 2024/1275.

(4) Kif ippreżentat fil-pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini. Indikaturi oħrajn jistgħu jirriflettu l-għadd ta' binjiet u/jew l-ispazju totali ta' art (m2) għal kull klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, għal kull perjodu ta' kostruzzjoni, għal kull daqs ta' bini, għal kull żona klimatika, l-għadd ta' Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija għal kull tip ta' bini u/jew għal kull klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, ħarsa ġenerali lejn il-kapaċitajiet fil-kostruzzjoni, is-sehem tas-sistema tat-tisħin fis-settur tal-bini, it-tip ta' sistema tat-tisħin, emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, eċċ. Esternalitajiet oħra jistgħu jintużaw ukoll biex jipprovdu stampa aħjar tas-settur tal-bini, bħal investimenti għar-rinnovazzjoni tal-istokk eżistenti, is-sehem tal-kostruzzjoni fil-PDG, kwistjonijiet tas-saħħa, eċċ.

(5) Kif definit fil-pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 tipprovdi eżempji biex jiġu ddeterminati s-segmenti bl-aġħar rendiment tal-istokk tal-bini nazzjonali: (a) billi jiġi stabbilit limitu speċifiku, bħal kategorija tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (eż. taħt "D"); (b) tintuża ċifra tal-konsum primarju tal-enerġija (espressa f'kWh/m2 fis-sena); jew saħansitra (c) jiġu mmirati l-binjiet mibnija qabel data speċifika (eż. qabel l-1980). Barra minn hekk, il-binjiet bl-aġħar rendiment jistgħu jiġu definiti wkoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1275.

Tabella 3

Stadji importanti u indikaturi tal-progress tal-pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini – rati ta' rinnovazzjoni (1)

		Għadd ta' binjiet rinnovati		Spazju totali ta' art rinnovata (m^2) (2)		Rata ta' rinnovazzjoni (%) (3)		Profondità medja tar-rinnovazzjoni (%) (4)	
		X-3	X-2	X-3	X-2	X-3	X-2	X-3	X-2
Speċifikazzjoni		M	M	M	M	M	M	M_{iav}	M_{iav}
Binjiet residenzjali	Ħafifa								
	Medja								
	Profonda								
	Total								
Binjiet mhux residenzjali	Ħafifa								
	Medja								
	Profonda								
	Total								

Il-profonditajiet tar-rinnovazzjoni jistgħu jiġu definiti bħala "ħfief" (iffrankar ta' 3 % ≤ x ≤ 30 %), "medji" (iffrankar ta' 30 % ≤ 60 %) u "profondi" (iffrankar ta' > 60 %; din id-definizzjoni għal finijiet statistiċi hija distinta mid-definizzjoni ta' "rinnovazzjoni profonda" introdotta għal finijiet ta' finanzjament fid-Direttiva (UE) 2024/1275, jiġifieri rinnovazzjoni li tittrasforma bini jew unità ta' bini (a) qabel l-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (b) mill-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'emissjonijiet żero).
Ir-rata totali ta' rinnovazzjoni enerġetika hija ddefinita bħala s-somma tar-rati kollha ta' rinnovazzjoni tal-profonditajiet koperti.

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli.
Noti:

(1) Rinnovazzjoni enerġetika tfisser il-bidla ta' element wieħed jew aktar tal-bini (l-involukru tal-bini u s-sistemi tekniċi tal-bini skont l-Artikolu 2, il-punt (17) tad-Direttiva (UE) 2024/1275), li jkollhom il-potenzjal li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-ammont ikkalkolat jew imkejjel ta' enerġija meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda għall-enerġija assoċjata ma' użu tipiku tal-bini, li tinkludi, *inter alia*, l-enerġija użata għat-tisħin, għat-tkessiħ, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun u għad-dawl.

(2) Spazju ta' art użat bħala daqs ta' referenza għall-valutazzjoni tar-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija, ikkalkolat bħala s-somma tal-ispazji ta' art utli tal-ispazji fl-involukru tal-bini speċifikat għall-valutazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(3) Rata ta' rinnovazzjoni tirreferi għall-ispazju ta' art [m^2] tal-bini affettwat kumulat tal-binjiet kollha li tkun saritilhom rinnovazzjoni enerġetika fis-sena kalendarja X-3 jew X-2, għal profonditajiet tar-rinnovazzjoni differenti, diviż bl-ispazju totali ta' art [m^2] tal-istokk tal-bini fl-istess perjodu espressa f'%. Il-valuri jiġu kkalkolati awtomatikament mill-valuri korrispondenti tal-kolonna "Spazju totali ta' art rinnovata".

(4) Il-profondità medja tar-rinnovazzjoni hija l-proporzjon bejn l-enerġija primarja ffrankata u l-konsun totali tal-enerġija primarja qabel ir-rinnovazzjoni tas-segment rispettiv (residenzjali/mhux residenzjali) tal-istokk.

Tabella 4

Stadji importanti u indikaturi tal-progress tal-pjan nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini - il-kontributi għall-miri tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni

		Speċifikazzjoni	Valuri f'X-2
Il-kontribut tal-Istat Membru għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 attribwibbli għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tiegħu ([1])	Sehem (%)	M	
	Iffrankar tal-enerġija finali (ktoe)	M	
Il-kontribut tal-Istat Membru għall-miri tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 attribwibbli għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tiegħu (sehem) ([2])	Sehem (%)	M	

Notazzjoni: M = obbligatorju.

Noti

([1]) Dan l-indikatur jistma u jirrapporta s-sehem li l-iffrankar tal-enerġija marbut mar-rinnovazzjoni tal-binjiet jirrappreżenta meta mqabbel mal-miri nazzjonali ġenerali tal-effiċjenza enerġetika. Il-varjazzjonijiet fil-konsum tal-enerġija li huma relatati ma' kostruzzjonijiet ġodda, demolizzjonijiet jew użi tal-enerġija barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (eż. għall-apparati) ma għandhomx jiġu inklużi. Pereżempju: Stat Membru għandu linja bażi ta' 125 ktoe għall-konsum finali tal-enerġija u objettiv ta' 100 ktoe, li jirriżulta fi tnaqqis ta' 25 ktoe. Jekk il-konsum finali tal-enerġija għall-bini eżistenti jitnaqqas b'10 ktoe, il-kontribut tas-settur tal-bini għall-mira tad-Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika (EED) ikun ta' 40 % (10/25 ktoe).

([2]) Is-sehem nazzjonali tal-kapaċità installata ta' enerġija rinnovabbli f'binjiet eżistenti meta mqabbel mal-konsum finali gross tal-enerġija tagħhom fis-sena X-2.

Tabella 5

Rapportar dwar it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2023/1791

		Konsum finali tal-enerġija tal-korpi pubbliċi (ktoe)		
		2021	X-3 [1]	X-2
Korpi pubbliċi ħlief it-trasport pubbliku u l-forzi armati	M			
Li minnhom il-korpi pubbliċi [2] fl-LAU b'popolazzjoni ta' inqas minn 50 000 abitant	Miap			
Li minnhom il-korpi pubbliċi [3] fl-LAU b'popolazzjonijiet ta' inqas minn 5 000 abitant	Miap			
Trasport pubbliku	V			
Forzi armati	V			

Il-konsum finali rrapportat huwa stmat jew effettiv?	M	Stmat/effettiv
It-trasport pubbliku huwa eskluż mil-linja bażi? [4]	M	Eskluż/Inkluż
It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fit-trasport pubbliku jikkontribwixxi għall-issodisfar tal-obbligu?	M	Iva/Le
Il-forzi armati huma eskluži mil-linja bażi?	M	Iva/Le
It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fil-forzi armati jikkontribwixxi għall-issodisfar tal-obbligu?	M	Iva/Le
L-aġġustament tal-varjazzjoni klimatika sar għas-snin kollha mill-2025 'il quddiem?	M	Iva/le/Oħrajn (bil-possibbiltà li tispjega dalwaqt)

Noti:

(1) Għall-iterazzjoni tar-rapportar tal-progress tal-2027, il-kaxxi għal X-3 (2024) jistgħu jitħallew vojta mill-Istati Membri peress li l-iskadenza tat-traspożizzjoni għar-riformulazzjoni tal-EED kienet għadha ma skadietx.

(2) Il-possibbiltà li jiġu pprovduti stimi sal-10 ta' Ottubru 2027, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

(3) Il-possibbiltà li jiġu pprovduti stimi sal-10 ta' Ottubru 2027, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

(4) L-Istati Membri għandhom l-għażla li jeskludu jew li jinkludu t-trasport pubbliku.

Tabella 6

Rapportar dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2023/1791

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Iva/Le	Valuri		Deskrizzjoni kwalitattiva tat-test
				X-3	X-2	
Volum ta' investimenti pubbliċi fl-effiċjenza enerġetika	M	Miljuni ta' EUR				(1)
Fattur ta' ingranaġġ medju miksub mill-finanzjament pubbliku li jappoġġa l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika	M	mhux applikabbli				(2)
Volum ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika	M	Miljuni ta' EUR				(3)
Jeżisti Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika?	M	mhux applikabbli	Iva/Le (4)			
Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jipprovdi appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji (garanzija pubblika, self favorevoli, rati tal-imgħax imnaqqsa, eċċ.)?	Miap	mhux applikabbli	Iva/Le			
Il-Fond nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali?	Miap	mhux applikabbli	Iva/Le			
Il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jintuża biex jissodisfa l-obbligu annwali tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(1) u (4) tal-EED riformulata? (5)	M	mhux applikabbli	Iva/Le			

—	f'każ li iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-kost unitarju tal-investiment biex jiġi ssodisfat l-obbligu annwali tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8 tal-EED riformulata permezz ta' kontribut finanzjarju għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika	Miap	euro/toe		(6)

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju.

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jikkomplementaw ir-rapportar obbligatorju dwar il-volum tal-investimenti pubbliċi b'informazzjoni volontarja addizzjonali dwar il-programmi ta' finanzjament nazzjonali stabbiliti biex iżidu l-użu tal-effiċjenza enerġetika, l-aħjar prattiki u l-iskemi ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika.

(2) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-fattur ta' ingranaġġ bħala l-proporzjon bejn l-investimenti pubbliċi nazzjonali fl-effiċjenza enerġetika u l-volum totali ta' investimenti mobilizzati u għandhom jipprovdu deskrizzjoni kwalitattiva tat-test dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu ta' tali fattur ta' ingranaġġ.

(3) L-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu deskrizzjoni kwalitattiva tat-test li tiddistingwi bejn prodotti differenti (pereżempju siguri/mhux garantiti, jew setturi fil-mira) u l-volum relattiv tagħhom.

(4) Il-mistoqsijiet li ġejjin jirreferu speċifikament għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika kif deskritt fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Jekk iva, jekk jogħġbok ikkomplementa b'informazzjoni dwar il-kapitalizzazzjoni annwali tal-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika u b'deskrizzjoni kwalitattiva addizzjonali tat-test dwar il-funzjonament u l-objettiv tiegħu fil-qafas tal-qafas nazzjonali ġenerali tal-effiċjenza enerġetika.

(5) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw it-tip ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika sabiex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(6), fl-Artikolu 6(1), fl-Artikolu 8(1) u (4), u 9(1) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 u jikkalkolaw l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li se jiġġeneraw.

(6) Jekk il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jintuża biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri jeħtieġ li jistabbilixxu kost unitarju tal-investiment biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija għall-kontribut finanzjarju għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika u jirrapportaw dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu tiegħu. Sabiex jikkalkolaw l-iffrankar tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-metodi u mill-prinċipji komuni deskritti fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2023/1791. Imbagħad, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw il-kost tal-investiment sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jiddeterminaw id-daqs tal-kontribut meħtieġ għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika. Id-data użata sabiex isiru dawn il-kalkoli għandha tkun assoċjata mal-prestazzjoni storika tal-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika (meta diġà jkun hemm wieħed fis-seħħ), jew ma' strumenti finanzjarji mfasslin sabiex jappoġġaw skemi għar-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku jew skemi pubbliċi oħrajn tal-effiċjenza fl-enerġija.

Tabella 7

Ostakli u miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-akkwist pubbliku effiċjenti fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2023/1791[1]

Ostaklu identifikat li għandu jitneħħa	Miżura meħuda, jew maħsuba biex tittieħed, biex jitneħħa l-ostaklu ([1])
M_{iap}	M_{iap}
Ostaklu 1	
Ostaklu 2	
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ	
Jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodu/il-proċedura użata biex jiġu identifikati ostakli possibbli, anke jekk ma jiġi identifikat l-ebda ostaklu.	

Notazzjoni: M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli.

Noti:

([1]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-adozzjoni tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku. Il-miżuri kollha rrapportati skont din l-entrata għandhom jiġu spjegati fid-dettall fl-Anness IX, it-Tabella 1, ta' dan ir-Regolament, u għandhom jirreferu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(8) tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

Tabella 8

Valutazzjoni tal-applikazzjoni u tal-benefiċċji tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fis-sistemi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 [1]

Valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fis-sistemi tal-enerġija	
Valutazzjoni tal-benefiċċji tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"	

Noti:

[1] L-Istati Membri għandhom jirrapportaw valutazzjoni tal-applikazzjoni u tal-benefiċċji tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fis-sistemi tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum tal-enerġija.

Tabella 9

Ostakli u azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2023/1791[1]

Ostaklu identifikat li għandu jitneħħa	Azzjonijiet meħuda, jew maħsuba biex jittieħdu, biex jitneħħa l-ostaklu
Ostaklu 1	
Ostaklu 2	
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ	
Jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodu/il-proċedura użata biex jiġu identifikati ostakli possibbli, anke jekk ma jiġi identifikat l-ebda ostaklu.	

Noti:

[1] L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar azzjonijiet meħuda biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu regolatorju jew mhux regolatorju mhux meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tas-soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri nazzjonali li jmorru kontra l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".'

ANNESS III

"ANNESS VI

SUQ INTERN TAL-ENERĠIJA

Tabella 1

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-interkonnettività tal-elettriku

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Unità	Sena		Valur mistenni fl-2030
		X-3	X-2	
		M	M	M_{iap}
Kapaċità nominali ta' trażmissjoni ([1])	MW			
Kapaċità netta ta' trasferiment (NTC tal-importazzjoni) ([2])	MW			
Kapaċità ta' ġenerazzjoni installata	MW			
Tagħbija fl-eqqel sigħat	MW			
Kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli installata	MW			
Prezzijiet medji tal-elettriku tas-suq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem ([3])	EUR/MWh			
Differenzi fil-prezz kbar ħafna medji jew assoluti fis-siegħa għal swieq ta' ġurnata bil-quddiem (separatament għal kull fruntiera intra-UE) ([4])	EUR/MWh			
Fruntiera 1	EUR/MWh			
Fruntiera 2	EUR/MWh			
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ	EUR/MWh			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

([1]) Ta' interkonnetturi ma' Stati Membri oħra.

([2]) Ta' interkonnetturi ma' Stati Membri oħra.

([3]) Għal kull żona tal-offerti fil-pajjiż.

([4]) Jistgħu jintużaw id-differenzjali tal-prezz tas-swieq bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem ikkalkolati u ppubblikati mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) fir-Rapport annwali ta' Monitoraġġ tas-Suq.

Tabella 2

Informazzjoni dwar il-Proġetti ta' trażmissjoni ta' Interess Komuni

Jekk jogħġbok irrapporta kwalunkwe żvilupp importanti fuq il-proġetti tal-PCI/PMI meta mqabbla mal-aħħar Rapport ta' Monitoraġġ tal-PCI li jista' jkollu impatt fuq l-objettivi u l-miri stabbiliti fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima.	M	

Notazzjoni: M = obbligatorju

Tabella 3

Informazzjoni dwar proġetti infrastrutturali ewlenin oħrajn

Deskrizzjoni tal-proġett									Implimentazzjoni tal-proġetti				
Isem il-proġett (1)	ID tat-TYNDP	Vettur tal-enerġija (2)	Tip ta' proġett (3)	Deskrizzjoni tal-proġett	Sena ppjanata għall-ikkummiss-jonar	Kapaċità ta' trażmissjoni (MW għall-elettriku GWh/d għall-gass naturali, għall-idroġenu u għal gassijiet/likwidi oħrajn)	Deskrizzjoni ta' kif il-proġett se jikkontribwixxi għall-ilhuq tal-livelli ppjanati rrapportati skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 (a) (4)	Deskrizzjoni ta' kif il-proġett se jikkontribwixxi għad-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija	Status tal-proġett	Deskriz-zjoni tal-progress	Dewmien fl-implimen-tazzjoni (snin)	Skedar mill-ġdid (snin)	Raġuni għad-dewmien fl-implimen-tazzjoni jew għall-iskedar mill-ġdid tal-pjan tal-proġett
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Proġett 1													
Proġett 2													
Żid aktar ringieli, jekk ikun meħtieġ													

Notazzjoni: M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) F'din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll proġetti tal-PCI minbarra proġetti ta' trażmissjoni transfruntiera, jekk jikkontribwixxu indirettament biex tiżdied l-interkonnettività transfruntiera. Il-kontribut għal interkonnettività transfruntiera miżjuda għandu jiġi spjegat fit-tabella.

(2) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu mill-vetturi tal-enerġija li ġejjin (jista' jiżdied u jiġi speċifikat vettur tal-enerġija addizzjonali taħt "Oħrajn"): Elettriku; Gass naturali; Idroġenu; Oħrajn.

(3) L-Istati Membri għandhom jipprovdu kategoriji ġenerali ta' infrastruttura (pereżempju terminal tal-LNG; faċilità ta' ħżin; interkonnettur ta' pajjiż terz).

(4) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

Tabella 4

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, inkluż fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-Enerġija ([1])	element(i) tal-flessibbiltà tas-sistema indirizzata ([2])	Mira ([3])	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) ([4])			
							Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress ([5])	Unità	X-3	X-2
M	M_{iap}	M	M	M	M	M	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1										
Mira/objettiv nazzjonali 2										
Mira/objettiv nazzjonali 3										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

([1]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

([2]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin (tista' tintgħażel aktar minn opzjoni waħda, jistgħu jiżdiedu opzjonijiet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): l-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità kummerċjabbli u l-użu effiċjenti tal-interkonnetturi; kejl/grilji intelliġenti; aggregazzjoni; rispons għad-domanda; ħżin; ġenerazzjoni distribwita; mekkaniżmi għad-dispaċċ, għar-ridispaċċ u għat-tnaqqis; sinjali tal-prezz f'ħin reali; oħrajn.

([3]) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

([4]) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar iridu jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

([5]) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 5

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja fis-swieq tal-enerġija

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-Enerġija (1)	Element(i) ta' parteċipazzjoni nondiskriminatorja indirizzat(i) (2)	Mira (3)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv (4)
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1						
Mira/objettiv nazzjonali 2						
Mira/objettiv nazzjonali 3						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

Fir-rigward tas-swieq: elementi bħas-swieq tal-ibbilanċjar, is-swieq tal-kapaċità (fejn applikabbli), is-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, is-swieq bl-imnut.
Fir-rigward tat-teknoloġiji: elementi bħar-rispons għad-domanda, il-ħżin tal-enerġija, l-aggregazzjoni, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini/il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-prosumaturi.
Fir-rigward tal-parteċipazzjoni: elementi bħall-parteċipazzjoni fis-suq, id-disponibbiltà tat-tariffi (inkluż għall-punti tal-irriċarġjar għall-elettromobbiltà; u l-ħżin tal-enerġija eż. il-prevenzjoni ta' ħlas doppju għall-injezzjoni u l-irtirar), id-disponibbiltà dinamika tal-kuntratt ta' prezz, il-parteċipazzjoni simultanja ta' bosta servizzi/prodotti.

Notazzjoni: M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli
Noti:
(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.
(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin (tista' tintgħażel aktar opzjoni għażla waħda, jistgħu jiżdiedu opzjonijiet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): enerġija rinnovabbli; rispons għad-domanda; ħżin; oħrajn.
(3) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva
(4) Meta jiddeskrivu l-progress, l-Istati Membri għandhom jagħtu dettalji dwar il-progress fuq il-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja, filwaqt li jqisu l-elementi li ġejjin, kif rilevanti. Din il-lista ma hijiex eżawrjenti u tista' tiġi kkomplementata mill-Istati Membri:

Tabella 6

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni tal-konsumatur fis-sistema tal-enerġija u l-benefiċċji mill-awtoġenerazzjoni u minn teknoloġiji ġodda, inklużi l-miters intelliġenti

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-Enerġija ([1])	Element(i) tal-parteċipazzjoni tal-konsumatur indirizzat(i) ([2])	Mira ([3])	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) ([4])			
							Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress ([5])	Unità	X-3	X-2
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1										
Mira/objettiv nazzjonali 2										
Mira/objettiv nazzjonali 3										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

([1]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

([2]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin (tista' tintgħażel aktar minn opzjoni waħda, jistgħu jiżdiedu opzjonijiet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): l-awtoġenerazzjoni; teknoloġiji ġodda (inklużi miters intelliġenti); oħrajn.

([3]) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

([4]) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar iridu jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

([5]) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 7

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Element(i) indirizzat(i) (1)	Mira (2)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) (3)			
						Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress (4)	Unità	X-3	X-2
M	M_{iap}	M	M	M	M	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1									
Mira/objettiv nazzjonali 2									
Mira/objettiv nazzjonali 3									
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ									

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu waħda jew aktar mill-opzjonijiet li ġejjin: il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija – il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq fl-istess ġurnata; l-introduzzjoni ta' swieq tal-ibbilanċjar transfruntiera; oħrajn.

(2) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(3) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar iridu jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

(4) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 8

Progress lejn it-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut

	Hemm kompetizzjoni effettiva fil-livell tal-bejgħ bl-imnut (Iva/Le)	Indikaturi ewlenin użati għall-monitoraġġ tal-kompetizzjoni effettiva bejn il-forniturі	Entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-kompetizzjoni	Dettalji tal-pubblikazzjoni u l-link għall-aktar rapport ta' valutazzjoni tal-kompetizzjoni reċenti	Ostakli identifikati biex tinkiseb kompetizzjoni effettiva	Azzjonijiet meħuda biex jittaffew l-ostakli
	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Gass						
Elettriku						

Tabella 9

Intervent pubbliku dwar l-iffissar tal-prezzijiet ([1])

SETTUR	Deskrizzjoni tal-intervent pubbliku fl-iffissar tal-prezzijiet (fejn rilevanti)	Interess pubbliku ġenerali segwit	Impriżi li jissodisfawh	Benefiċjarji Affettwati	Durata	Dettalji tal-Valutazzjoni tan-Neċessità	Proporzjonalità Dettalji tal-valutazzjoni	Kost għall-parteċipanti fis-suq	Rapport dwar il-progress u l-istadji importanti futuri lejn il-kisba tat-tranżizzjoni lejn prezzijiet ibbażati fuq is-suq	Indika d-dispożizzjoni applikabbli tad-Direttiva tal-UE li taħtha jaqa' dan l-intervent ([2])	Informazzjoni oħra
	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
GASS											
	(żid ringieli addizzjonali jekk applikabbli)										
Elettriku											
	(żid ringieli addizzjonali jekk applikabbli)										

Notazzjoni: M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli.

Noti:

([1]) Intervent pubbliku fuq l-iffissar tal-prezzijiet (imsejjaħ ukoll "prezzijiet regolati") ifisser li mill-inqas fornitur bl-imnut wieħed ikun ristrett fil-kapaċità tiegħu li jiddetermina liberament il-prezz li bih ibigħ l-elettriku permezz ta' mill-inqas wieħed mill-kuntratti tiegħu. Interventi bħal pagamenti ta' darba lill-unitajiet domestiċi, vawċers u tnaqqis fil-VAT u fid-dazji tas-sisa, li ma jirrestrinġux il-kapaċità tal-fornituri li jiddeterminaw liberament il-prezzijiet, la huma koperti mill-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u lanqas mill-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([2]) Għal interventi fis-settur tal-gass, l-Istati Membri għandhom jindikaw hawnhekk jekk l-intervent jaqax taħt l-Artikolu 4(3), jew l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 jew N/A (mhux applikabbli).
Għal interventi fis-settur tal-elettriku, l-Istati Membri għandhom jindikaw hawnhekk jekk l-intervent jaqax taħt l-Artikolu 5(3) jew l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew N/A (mhux applikabbli)."

ANNESS IV

"ANNESS IX

PROGRESS MIKSUB GĦALL-IMPLIMENTAZZJONII TAL-POLITIKI U L-MIŻURI NAZZJONALI

Tabella 1

Karatteristiċi ewlenin u progress lejn l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri

Numru tal-politika/miżura	Numru tal-politika/miżura fl-NECP, jekk ikun differenti	Isem il-politika jew il-miżura	Isem il-politika/miżura bil-lingwa nazzjonali	Politika jew miżura individwali jew ragruppata	F'każ ta' politika jew miżura ragruppata, liema politiki jew miżuri individwali tkopri	Dimensjonijiet koperti (1)	Kopertura ġeografika (2)	Settur(i) affettwat(i) (3)	Gass(ijiet) serra affettwat(i) (4)	Objettiv (5)
M	M_{iap}	M	Miap	M	M	M	M	M	Miap	M
Politika/miżura 1										
Politika/miżura 2										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Notazzjoni: M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli, jekk ma jkunx applikabbli, fit-tabella għandha tintuża l-kjavi tan-notazzjoni "Nap"

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mid-dimensjonijiet (tista' tintgħażel aktar minn dimensjoni waħda): Dekarbonizzazzjoni: l-emissjonijiet u l-assorbiment ta' gassijiet serra; Dekarbonizzazzjoni: Enerġija rinnovabbli; Effiċjenza enerġetika; Sigurtà tal-enerġija; Suq intern tal-enerġija; Riċerka, innovazzjoni u kompetittività

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-kategoriji li ġejjin: li jkopru żewġ pajjiżi jew aktar, nazzjonali, reġjonali, lokali.

(3) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost is-setturi li ġejjin (jista' jintgħażel aktar minn settur wieħed mill-politiki u l-miżuri transsettorjali): provvista tal-enerġija (inkluż l-estrazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, u l-ħżin tal-fjuwils kif ukoll it-trasformazzjoni tal-enerġija għat-tisħin u għat-tkessiħ u għall-produzzjoni tal-elettriku); konsum tal-enerġija (inkluż il-konsum tal-fjuwils u tal-elettriku mill-utenti finali bħall-unitajiet domestiċi, l-amministrazzjoni pubblika; is-servizzi, l-industrija u l-agrikoltura); trasport; proċessi industrijali (inkluż l-attivitajiet industrijali li jittrasformaw il-materjali kimikament jew fiżikament u li jwasslu għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-użu ta' gassijiet serra fil-prodotti u l-użu tal-karbonju tal-fjuwils fossili mhux għall-enerġija); agrikoltura; LULUCF; immaniġġar tal-iskart/skart; setturi oħrajn.

(4) Għall-politiki u l-miżuri dwar il-gassijiet serra, l-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-gassijiet serra li ġejjin (jista' jintgħażel aktar minn gass serra wieħed): jekk applikabbli, id-diossidu tal-karbonju (CO_2); il-metan (CH_4); l-ossidu nitruż (N_2O); l-idrofluworokarburi (HFC); il-perfluworokarburi (PFC); l-eżafluworur tal-kubrit (SF_6); it-trifluworur tan-nitroġenu (NF_3).

(5) Objettiv tfisser "id-dikjarazzjoni inizjali tal-eżiti (inklużi r-riżultati u l-impatti) maħsuba li jinkisbu bl-intervent". L-Istati Membri għandhom jagħżlu objettiv rilevanti minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tat-tabella (jista' jintgħażel aktar minn objettiv wieħed, jistgħu jiżdiedu objettivi addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn").

Numru tal-politika/miżura	Deskrizzjoni qasira	Kontribut biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u tal-istrateġija fit-tul (1)	Tip ta' strument tal-politika (2)	Il-politiki tal-Unjoni li wasslu għall-implimentazzjoni tal-politika/miżura			Status tal-implimentazzjoni (5)	Perjodu ta' implimentazzjoni		Xenarji tal-projezzjonijiet li jinkludu l-politika/miżura	Entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika (6)	
				Politika tal-Unjoni (3)	Oħrajn	Dispożizzjoni rilevanti (4)		Bidu	Tmiem		Tip	Isem
M	M	M	M	M_{iap}			M	M	M_{iap}	M	M	
Politika/miżura 1												
Politika/miżura 2												
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ												

Noti (ikomplu):

(1) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kontribut tal-politika jew tal-miżura biex jiġi ssodisfat l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament 2021/1119 u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost dawn it-tipi ta' politika: ekonomika; fiskali; ftehimiet volontarji/negozjati; regolatorja; tal-informazzjoni; tal-edukazzjoni; tar-riċerka; tal-ippjanar; oħrajn.

(3) Hawnhekk elenka biss il-politika/politiki tal-Unjoni li huma implimentati permezz tal-politika nazzjonali jew meta l-politiki nazzjonali jkunu mmirati direttament biex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-politika tal-Unjoni, jekk applikabbli. L-Istati Membri għandhom jagħżlu politika/politiki minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tat-tabella, jew jagħżlu "oħrajn" u jispeċifikaw l-isem tal-politika tal-Unjoni.

(4) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' politiki u miżuri li jikkontribwixxu għad-dimensjonijiet tad-Dekarbonizzazzjoni: Enerġija rinnovabbli u Effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri għandhom jagħżlu dispożizzjoni rilevanti minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tat-tabella jew jagħżlu "oħrajn" u jispeċifikaw l-isem tad-dispożizzjoni.

(5) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-kategoriji li ġejjin: ippjanata; adottata; implimentata; skaduta.

(6) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost l-opzjonijiet li ġejjin u jdaħħlu l-isem/ismijiet tal-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika jew tal-miżura (tista' tintgħażel aktar minn entità waħda): il-gvern nazzjonali; l-entitajiet reġjonali; il-gvern lokali; il-kumpaniji/in-negozji/l-assoċjazzjonijiet industrijali; l-istituzzjonijiet tar-riċerka; oħrajn mhux elenkati.

Numru tal-politika/miżura	Indikaturi użati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress matul iż-żmien ([1])						Progress imqabbel mal-objettiv ([2])	Aġġornament mill-aħħar sottomissjoni ([3])	Spjegazzjonijiet tal-aġġornament jew tar-rabta ma' dokument addizzjonali	Referenza għall-valutazzjonijiet u r-rapporti tekniċi ta' sostenn	Kummenti Ġenerali
	Deskrizzjoni	Unità	Sena fil-mira	Valur fil-mira	Sena	Valur					
M	M_{iap}						Miap	M	M_{iap}	M	M
Politika/miżura 1											
Politika/miżura 2											
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ											

Noti (ikomplu):

([1]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu kull indikatur (inkluża l-unità) u l-valuri għal tali indikaturi li se jintużaw (*ex ante*) għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress tal-politiki u l-miżuri. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sena jew is-snin li għalihom japplika l-valur. Jistgħu jiġu rrapportati valuri għal indikaturi u snin multipli. L-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati mill-Istati Membri għandhom ikunu rilevanti, aċċettabbli, kredibbli, faċli u robusti.

([2]) F'każ li ma jiġi pprovdut l-ebda indikatur kwantitattiv, l-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni kwalitattiva tal-progress miksub meta mqabbel mal-objettiv.

([3]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-opzjonijiet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu opzjonijiet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "Oħrajn"): Adozzjoni ta' miżura ġdida, konklużjoni ta' ftehim, pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; Bidu/infurzar ta' miżura/programm; Tneħħija/terminazzjoni/tlestija tal-miżura; Emendi, implimentazzjoni jew bidliet fid-disinn u estensjoni ta' miżura kontinwa; Monitoraġġ tal-informazzjoni, aġġornament dwar il-progress jew ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt; Kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti/l-ebda aġġornament sinifikanti; Abbozzi, avviżi, impenji, miżuri ppjanati, diskussjonijiet għal miżura ġdida; Oħrajn."

ANNESS V

"ANNESS X

POLITIKI U MIŻURI ĠODDA SKONT L-ARTIKOLU 21, IL-PUNT (B) 3 TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1999

Tabella 1

Skemi ta' Obbligi b'Rabta mal-Effiċjenza Enerġetika (EEOS) imsemmija fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2012/27/UE u fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2023/1791

Numru tal-politika/miżura	M	
Sors(i) ta' informazzjoni (inkluża r-referenza tal-liġi relatata jew test(i) legali ieħor/oħrajn)	M	
Iffrankar mistenni għall-2021–2030 u d-durata tal-perjodu/i ta' obbligu (l-Anness V, il-punti 5(d) u 5(e), tad-Direttiva 2012/27/UE jew l-Anness V, il-punti 5(a) u 5(j), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Iffrankar kumulattiv mistenni tal-enerġija fl-użu finali għall-perjodu 2021–2030 (ktoe)	M	
Iffrankar annwali ġdid mistenni tal-enerġija fl-użu finali (ktoe/sena) (1)	Miap	
2021	Miap	
2022	Miap	
2023	Miap	
2024	Miap	
2025	Miap	
2026	Miap	
2027	Miap	
2028	Miap	
2029	Miap	
2030	Miap	
Tul tal-perjodu/i ta' obbligu	M	
Karatteristiċi ewlenin tad-disinn		
Partijiet obbligati (l-Anness V, il-punt 5(b), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(c), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Setturi fil-mira (l-Anness V, il-punt 5(c), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) (2)	M	
Setturi fejn azzjonijiet individwali huma eliġibbli għall-EEOS (jekk differenti mis-setturi fil-mira elenkati hawn fuq) (l-Anness V, il-punt 5(c), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	

Azzjonijiet individwali eliġibbli għall-EEOS (l-Anness V, il-punt 5(f), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(l), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) u t-tul tal-ħajja korrispondenti (l-Anness V, il-punti 2(i) u 5(h), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(n), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([3])	M	
Informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-EED li ġejjin:		
Indikaturi tal-faqar enerġetiku applikati	Miap	
Sehem aritmetiku stabbilit	Miap	
Sehem tal-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali fost il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, il-klijenti vulnerabbli, il-persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali	Miap	
Iffrankar miksub mill-fornituri ta' servizz tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħrajn (l-Artikolu 7a(6), il-punt (a), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 9(11), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2023/1791 ([4])	Miap	
Regoli dwar il-banek u t-teħid b'self (l-Artikolu 7a(6), il-punt (b), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 9(11), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	Miap	
Possibbiltajiet għall-kummerċ tal-iffrankar tal-enerġija (fejn rilevanti)	Miap	
Interazzjonijiet ma' Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika f'konformità mal-Artikolu 30(12) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 ([5])	Miap	
Informazzjoni ġenerali dwar il-metodoloġija tal-kalkolu		
Metodu/i ta' kalkolu użat(i) (l-Anness V, il-punt 1, tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 1, tad-Direttiva 2023/1791) ([6])	M	
Metrika/metriċi użata/i biex jiġi espress l-iffrankar tal-enerġija (l-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali) (l-Artikolu 7a(4), u l-Anness V, il-punt 3(d), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 3(d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Kif jitqies it-tul tal-ħajja (u l-bidliet possibbli fl-iffrankar maż-żmien) fil-kalkoli tal-iffrankar (l-Anness V, il-punti 2(i) u 5(h), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 2(p) u 5(n), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([7])	M	
Sorsi oħrajn ta' informazzjoni jew referenzi (eż. studji, rapporti ta' evalwazzjoni) fejn jistgħu jinstabu aktar spjegazzjonijiet u dettalji dwar il-kalkoli tal-iffrankar	V	
Addizzjonalità u materjalità (rekwiżiti relatati mal-Anness V, il-punti 2 u 5(g), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 2 u 5(m), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu; inkluż kif l-addizzjonalità titqies fil-metodoloġija tal-kalkolu (l-Anness V, il-punt 2(a), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 2(b), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([8])	M	
L-EEOS tippromwovi sostituzzjonijiet bikrija? Jekk iva, kif jitqies fil-kalkolu tal-iffrankar? (l-Anness V, il-punt 2(f), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 2(m), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	

Il-parametri referenzjarji użati għall-iffrankar meqjus u skalat (f'każ li jintuża ffrankar meqjus jew skalat) (l-Anness V, il-punt 1(c), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 1(c), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Kif tiġi żgurata l-materjalità tal-iffrankar? (l-Anness V, il-punt 3(h), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 3(h), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Trikkib possibbli (bejn il-miżuri ta' politika u bejn l-azzjonijiet individwali) u għadd doppju		
Trikkib possibbli bejn azzjonijiet individwali eliġibbli għall-EEOS ([9])	Miap	
Trikkib possibbli bejn l-EEOS u l-miżura/i alternattiva/i rrapportata/i skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2023/1791	Miap	
Kif huwa indirizzat it-trikkib possibbli (bejn l-EEOS u l-miżuri alternattivi) biex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju tal-iffrankar tal-enerġija? (l-Anness V, il-punt 3(g), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 3(g), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Varjazzjonijiet klimatiċi (fejn rilevanti) (l-Anness V, il-punti 2(h) u 5(i), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 2(o) u 5(c), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Hemm varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni? U dawn jistgħu jaffettwaw l-azzjonijiet eliġibbli għall-EEOS?	Miap	
Kif jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi fil-kalkoli tal-iffrankar fejn rilevanti?	Miap	
Monitoraġġ u verifika (M&V) tal-iffrankar (l-Anness V, il-punt 5(j), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(p), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika u tal-proċess ta' verifika, inkluż dwar il-metodi użati	M	
Kwistjonijiet identifikati u kif ġew indirizzati	Miap	
Awtoritajiet responsabbli għall-M&V tal-EEOS	M	
Indipendenza tal-M&V mill-partijiet obbligati (l-Artikolu 7a(5) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 9(9) tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Verifika ta' kampjuni statistikament rappreżentattivi (l-Artikolu 7a(5) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 9(9) tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([10])	M	
Obbligi ta' rapportar għall-partijiet obbligati (iffrankar miksub minn kull parti obbligata, jew kull sottokategorija ta' parti obbligata, u t-total skont l-iskema)	M	
Pubblikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija miksub kull sena skont l-EEOS (l-Artikolu 7a(7) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 9(12) tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Penali applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità (u referenzi relatati, inkluża l-liġi jew testi legali oħrajn li jistabbilixxu l-penali u l-kundizzjonijiet relatati)	M	
Dispożizzjoni(jiet) f'każ li l-progress tal-EEOS ma jkunx sodisfaċenti (l-Anness V, il-punt 3(f), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 3(f), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	

Informazzjoni dwar l-istandards ta' kwalità (l-Anness V, il-punt 2(g), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 2(n), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Kif huma promossi jew meħtieġa l-istandards ta' kwalità (għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri) mill-EEOS?	Miap	
Informazzjoni jew spjegazzjonijiet komplementari		
Hawnhekk semmi kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni oħra li tista' tkun utli għall-kondiviżjoni tal-esperjenza	V	

Notazzjoni: M = obbligatorju; Miap = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju.

Noti:

([1]) L-Istati Membri għandhom jimlew din il-kaxxa jekk l-iffrankar annwali ġdid mistenni tal-enerġija fl-użu finali jkun stabbli. Jekk l-iffrankar annwali ġdid tal-enerġija fl-użu finali jkun mistenni li jinbidel maż-żmien, l-Istati Membri għandhom jimlew il-kaxxi kull sena.

([2]) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-setturi (residenzjali; tas-servizzi; tal-industrija; tat-trasport; oħrajn ikkunsidrati biex tiġi/jiġu kkalkolata/i l-mira/i tal-EEOS u biex jiġu ddefiniti l-partijiet obbligati. Jekk is-setturi eliġibbli għal azzjonijiet individwali jkunu differenti, dan għandu jiġi speċifikat fil-kaxxa li jmiss.

([3]) Hawnhekk l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-azzjonijiet eliġibbli. Jekk il-lista ta' miżuri tkun twila wisq, hawnhekk l-Istati Membri għandhom isemmu l-kriterji ewlenin ta' eliġibbiltà u jipprovdu l-lista bħala fajl separat. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-valuri tat-tul tal-ħajja preżunti għat-tipi jew għall-kategoriji differenti ta' azzjonijiet bl-użu tat-Tabella 4 f'dan l-Anness.

([4]) F'każ li l-partijiet obbligati jitħallew jużaw l-iffrankar tal-enerġija ċċertifikat, miksub mill-forniturі ta' servizz tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħrajn, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jispjegaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għal dawn il-partijiet terzi u kif jiġi żgurat li ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija ssegwi proċess ta' approvazzjoni li jkun ċar u trasparenti.

([5]) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw jekk il-partijiet obbligati jistgħux jew għandhomx jissodisfaw l-obbligu tagħhom ta' ffrankar, kollu jew parti minnu, bħala kontribuzzjoni għal Fond nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika.

([6]) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-metodi użati skont it-tipoloġija definita fl-Anness V(1) tad-Direttiva 2012/27/UE: (a) iffrankar preżunt/(b) iffrankar imkejjel/(c) iffrankar skalat/(d) iffrankar mistħarreġ. L-Istati Membri għandhom jispjegaw f'każ li jintuża tip ieħor ta' metodu.

([7]) L-Istati Membri għandhom iżidu spjegazzjoni, speċjalment jekk jintuża metodu differenti minn dak ippreżentat fl-Anness V, il-punt 2(i), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 2(p), tad-Direttiva (UE) 2023/1791).

([8]) L-Istati Membri għandhom jispjegaw kif il-metodoloġija tal-kalkolu tikkonforma mal-Anness V(2), il-punti (a) sa (c), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V(2), il-punti (a) sa (f), tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

([9]) L-Istati Membri għandhom jispjegaw kif tali trikkib jitqies fil-kalkoli tal-iffrankar, pereżempju l-interazzjonijiet bejn l-iżolament tal-ħitan u s-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin. L-Istati Membri għandhom jispjegaw ukoll kif is-sistema M&V tipprevjeni l-istess azzjoni individwali li għandha tiġi rrapportata minn diversi partijiet obbligati (filwaqt li jiġi evitat għadd doppju fl-EEOS).

([10]) L-Istati Membri għandhom jispjegaw kif tiġi żgurata l-verifika tal-kampjuni statistikament rappreżentattivi tal-azzjonijiet, u jispeċifikaw il-kriterji użati għad-definizzjoni u għall-għażla tal-kampjuni rappreżentattivi.

Tabella 2

Miżuri tal-politika alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE) u fl-Artikolu 10 u l-Artikolu 30(14) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 (ħlief miżuri tat-taxxa)

Numru tal-politika/miżura	M	
Sors(i) ta' informazzjoni (inkluża r-referenza tal-liġi relatata jew test(i) legali ieħor/oħrajn)	M	
Baġit ippjanat jew stmat, inkluż il-perjodu/perjodi ta' implimentazzjoni korrispondenti	V	
Iffrankar mistenni għall-2021-2030 u t-tul tal-perjodu/i ta' obbligu (l-Anness V, il-punti 5(d) u 5(e), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 5(e) u 5(j), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
Iffrankar kumulattiv mistenni tal-enerġija fl-użu finali għall-perjodu 2021-2030 (ktoe)	M	
Iffrankar annwali ġdid mistenni tal-enerġija fl-użu finali (ktoe/sena) ([1])	Miap	
2021	Miap	
2022	Miap	
2023	Miap	
2024	Miap	
2025	Miap	
2026	Miap	
2027	Miap	
2028	Miap	
2029	Miap	
2030	Miap	
Perjodu/perjodi intermedju/intermedji, fejn rilevanti ([2])	Miap	
Karatteristiċi ewlenin tad-disinn		
Awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni, partijiet parteċipanti jew fdati u r-responsabbiltajiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżura ta' politika (l-Anness V, il-punti 3(b) u 5(b), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 3(b) u 5(c), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Setturi fil-mira (l-Anness V, il-punt 5(c), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([3])	M	

Azzjonijiet individwali eliġibbli għall-miżura alternattiva (l-Anness V, il-punt 5(f), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(l), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) u t-tul tal-ħajja korrispondenti (l-Anness V, il-punti 2(i) u 5(h), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(n), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([4])	M	
Miżuri ta' politika speċifiċi jew azzjonijiet individwali mmirati lejn il-faqar enerġetiku (fejn applikabbli)	Miap	
Informazzjoni ġenerali dwar il-metodoloġija tal-kalkolu		
Metodu/i ta' kejl użat(i) (l-Anness V, il-punt 1, tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 1, tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([5])	M	
Metrika/metriċi użata/i biex jiġi espress l-iffrankar tal-enerġija (l-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali) (l-Anness V, il-punt 3(d), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 3(d), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)	M	
Kif it-tul tal-ħajja (u l-bidliet possibbli fl-iffrankar maż-żmien) jitqies fil-kalkoli tal-iffrankar (l-Anness V, il-punti 2(i) u 5(h), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punt 5(n), tad-Direttiva (UE) 2023/1791) ([6])	M	
Sorsi oħrajn ta' informazzjoni jew referenzi (eż. studji, rapporti ta' evalwazzjoni) fejn jistgħu jinstabu aktar spjegazzjonijiet u dettalji dwar il-kalkoli tal-iffrankar	V	
Addizzjonalità u materjalità (rekwiżiti relatati mal-Anness V, il-punti 2 u 5(g), tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V, il-punti 2 u 5(m), tad-Direttiva (UE) 2023/1791)		
